**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 319/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Lucienne Lia**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Lucienne Lia**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 347990(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fit-12 ta' Novembru 2016 għall-ħabta ta' 14:45hrs f'San Ġwann irrendiet ruħha kompliċi fid-delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jeċċedi l-232.94 Euro iżda ma jeċċedix l-2329.40 Euro mill-Banka tal-lottu bin-numru 53 li tinsab ġewwa Triq l-24 ta' Ġunju, San Ġwann, meta b'xi mod li jkun xjentement għenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt u ċioè lil

Tristan Falzon u Roderick Stanyer fl-atti li bihom dan id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat u dan *ai termini* ta' Artikoli 42(d) u 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-20 ta' Novembru 2016 għall-ħabta ta' 07:15hrs f'Ħal Qormi irrendiet ruħha kompliċi fid-delitt ta' serq, meta b'xi mod li jkun xjentement għenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt u ċioè lil Tristan Falzon fl-atti li bihom dan id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat u dan *ai termini* ta' Artikoli 42(d) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Awwissu 2017, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(b), 42(d), 43, 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 280 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tagħha u kkundannatha piena ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal żmien sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *In oltre, ai termini* ta' Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħdet lill-imputata taħt Ordni ta' Superviżjoni għal żmien sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, bil-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni kien jifforma parti integrali mis-sentenza. Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza jew jekk tonqos milli ssegwi xi waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Superviżjoni. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Rat illi fid-19 ta' Diċembru 2017 l-Uffiċjal Sorveljanti Svetlana Bezzina ppreżentat Rikors (*a fol.* 29) ta' denunzja *ai termini* ta' Artikolu 28(G) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nfurmat lill-Ewwel Qorti li hija kienet ġiet appuntata Uffiċjal ta' Superviżjoni tal-imputata u li l-imputata ma kinitx konsistenti fl-attendenza għall-appuntamenti magħha, li kienet qed tabbuża mid-droga waqt li ma kinitx qed iżżomm kuntatt mal-Aġenzija

Caritas u għaldaqstant kienet qegħda tonqos milli ssegwi l-pjan ta' kura u b'hekk l-Uffiċjal Sorveljanti ħassitha fid-dmir li tattira l-attenzjoni tal-Qorti għal dan il-fatt sabiex tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta u wara qieset li kien ippruvat għas-sodisfazzjon tagħha li l-imputata kienet naqset milli ssegwi l-Ordni ta' Superviżjoni mogħtija lilha permezz tas-sentenza tat-18 ta' Awwissu 2017, ordnat li s-sentenza ta' sena priġunerija, oriġinarjament sospiża għal sentejn, li għaliha ġiet ikkundannata l-imputata permezz tal-istess sentenza, tibda sseħħ mill-jum li ngħatat is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018 b'dan illi l-Ordni ta' Superviżjoni ma baqgħetx fis-seħħ iżda l-imputata kellha tingħata l-attenzjoni mid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin billi tingħata l-kura u l-għajnuna kollha neċessarja, inkluż billi tingħata l-possibilita' li tidħol ġewwa programm għar-riabilitazzjoni tagħha mill-vizzju tad-droga.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-16 ta' Lulju 2018 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onor. Qorti billi tiddikjara li m'għandhiex tidħol fis-seħħ is-sentenza tat-18 t'Awwissu 2017 u minflok tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta fil-konfront tal-appellant, dana dejjem taħt dawk iċ-ċirkostanzi li jidhru xierqa lil din l-Onor. Qorti."*

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.</u>

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell dwar sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Lulju 2018 liema sentenza ġiet mogħtija wara li l-Uffiċjal Sorveljanti Svetlana Bezzina ippreżentat denunzja fid-19 ta' Diċembru 2017 *ai termini* ta' Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti titlob li din il-Qorti tiddikjara li ma għandhiex tiġi fis-seħħ is-sentenza tat-18 ta' Awwissu 2017 u li minflok tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta fil-konfront tagħha.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tikkonferma li mix-xiehda tal-Uffiċjal Sorveljanti rriżulta li hija ma kinitx qed toqgħod għall-ordnijiet mogħtija lilha. Barra dan tgħid ukoll li dehret il-problema kbira li għandha hija (l-appellanti) minħabba l-abbuż tad-droga. L-aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ma kellhiex iġġib fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija u tisħaq li għalkemm huwa minnu li ma qagħditx għal kollox mal-ordnijiet tal-Uffiċjal Sorveljanti kien hemm ġranet u perjodi fejn għamlet tentattiv li toħroġ mill-problema tad-droga iżda din il-problema ħakmitha serjament. Tgħid li hija wriet rimors għal dak li għamlet u trid tirranġa ħajjitha u tgħid li hija lesta tagħmel programm ta' riabilitazzjoni u determinata li tbiddel ħajjitha. Tgħid li hija lesta wkoll toqgħod għal kull ordni ulterjuri li l-Qorti jogħġobha timponi.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa dwar talba għal reviżjoni tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 65 *et seq.*). Huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. Minkejja dan, din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tad-denunzja li saret mill-Uffiċjal Sorveljanti.

Illi fil-verbal tas-seduta miżmuma fit-3 ta' Frar 2020 quddiem din il-Qorti diversament preseduta jirriżulta li saret talba biex tixhed l-Uffiċjal Sorveljanti Svetlana Bezzina, liema talba ma ġietx opposta mill-Avukat Ġenerali. Fid-depożizzjoni tagħha, l-**Uffiċjal**

**Sorveljanti Svetlana Bezzina** xehdet li minkejja li sa mill-bidu nett tal-Ordni ta' Superviżjoni nħass il-bżonn li l-appellanti tindirizza l-problema akuta tad-droga, dak iż-żmien l-appellanti kienet tonqos milli żżomm ma' kull pjan illi kien isir. L-Uffiċjal Sorveljanti kompliet tgħid li matul il-proċeduri ta' denunzja l-appellanti kienet qed iġġib ruħha l-istess u li l-attitudni tagħha bdiet tinbidel fi Frar 2019 u tgħid li l-appellanti ħarget mill-female DDU u tpoġġiet taħt *community treatment order* bil-ħsieb li t-tim psikjatriku jkompli jieħu ħsiebha meta tkun fil-komunita'.

Illi l-Uffiċjal Sorveljanti kompliet tgħid li minn hemm l-appellanti bdiet iżżomm l-appuntamenti mogħtija lilha u minn Frar 2019 kienet attendiet b'kollox ħmistax-il appuntament fejn issottomettiet ruħha għal tmien testijiet li kollha rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Tgħid li minn Mejju 2019 l-appellanti bdiet taħdem bħala *Sales Representative* b'mod regolari, xi ħaġa li ma kinitx tagħmel meta saret id-denunzja u li kienet għadha żżomm dan l-impieg u li kien hemm ċerta stabbilita' f'ħajjitha. Tgħid li l-appellanti kienet daħlet f'relazzjoni u li ommha rat bidla f'bintha (l-appellanti) u tjiebu r-relazzjonijiet ta' bejniethom. Fil-fehma tax-xhud dan il-progress jenħtieġ li jkun konsolidat billi tibqa' f'kuntatt ma' aġenziji lokali li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga. Tgħid li kuntatt ma' *key worker* regolari jkun ħaġa aktar prattika minn programm residenzjali għaliex l-appellanti qed taħdem. Tgħid ukoll li d-DDU kien għenha meta daħlet l-aħħar darba u dan minħabba bidla fil-motivazzjoni tal-appellanti. Tgħid li tara differenza kbira fl-appellanti u li meta sar l-appell mis-sentenza tad-denunzja l-appellanti xorta baqgħet tmur għandha (għand l-Uffiċjal Sorveljanti) u dana minkejja li l-Ordni ta' Superviżjoni kienet tneħħiet. Tgħid li kienet iċċempel l-appellanti stess u mbagħad meta kienet tmur kienet titlob appuntament u tosservah.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti eżaminat is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Lulju 2018 wara li kienet saret id-denunzja mill-Uffiċjal Sorveljanti. Jirriżulta li dik il-Qorti kienet tat diversi

opportunitajiet lill-appellanti matul il-proċeduri tad-denunzja iżda l-appellanti baqgħet taħli l-ħin ta' kulħadd. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-Ewwel Qorti meta qalet is-segwenti:

> "Il-Qorti tqis illi din ċertament m'hijiex l-attitudni li wieħed għandu jassumi meta jitqiegħed taħ Ordni ta' Superviżjoni – Ordni li tingħata sabiex tiġi obduta u rispettata, għall-ġid wara kollox tal-istess persuna Sorveljata, bil-konsegwenzi anke serji, jekk dan ma jsirx. Il-Qorti tippretendi li meta rinfaċċjata bid-denunzja, is-Sorveljata kellha tagħmel ħilitha sabiex tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal Sorveljanti li tant għamlet xogħol magħha, iżda minflok baqgħet m'għamlet xejn minn dan, ħlief illi ħliet il-ħin ta' kulħadd, inkluż tal-Qorti. Il-Qorti ma tistax tippermetti sitwazzjonijiet bħal dawn u lanqas tista' s-Sorveljata tippretendi li Qorti turi ħniena magħha u tibqa' tagħtieha opportunita' wara opportunita' sabiex tirċievi l-għajnuna. Din il-Qorti jidhrilha li tat biżżejjed opportunitajiet lis-Sorveljata, mhux biss permezz tas-sentenza tagħha, iżda anke matul il-proċeduri odjerni, u għalhekk tqis illi ma tistax ma tordnax illi s-sentenza sospiża tidhol fis-seħħ."

Illi, minkejja dak li ġie ċċitat hawn fuq, din il-Qorti tinnota l-bidla li seħħet fl-appellanti liema bidla ddeskriviet fid-dettall l-Uffiċjal Sorveljanti Svetlana Bezzina nnifisha li għamlet id-denuzja. Jidher ukoll li l-appellanti ma wettqet ebda reat ieħor mill-ewwel wieħed li jidher fis-sentenza tat-18 ta' Awwissu 2017. Barra dan jirriżulta li l-appellanti attendiet għall-appuntamenti regolarment, għamlet numru ta' testijiet li kollha rriżultaw negattivi, hemm relazzjonijiet aħjar mal-mama' tagħha u kif ukoll għandha xogħol stabbli. L-andament pożittiv dwar l-appellanti jirriżulta mid-diversi rapporti li saru mill-Uffiċjal Sorveljanti Svetlana Bezzina, kemm lil din il-Qorti diversament preseduta u kif ukoll lil din il-Qorti kif preseduta. Tenut kont ta' dan kollu, u minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti l-

aħħar ċans lill-appellanti sabiex tkompli timxi fit-triq it-tajba li jidher li mixja fih.

Illi l-appellanti qed tingħata din l-opportunita' tad-deheb sabiex tevita li tiġi mibgħuta tiskonta piena fil-ħabs b'dan illi hija għandha tagħmel dak kollu neċessarju sabiex tevita li tiġi mibgħuta l-ħabs.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Lucienne Lia fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata (ċioè dik mogħtija fil-11 ta' Lulju 2018) billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn ordnat li s-sena priġunerija li oriġinarjament kienet sospiża għal sentejn tidħol fis-seħħ u fejn neħħiet l-Ordni ta' Superviżjoni taħt Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta' kundanna għal sena priġunerija b'dan illi din għandha tkun sospiża għal sentejn *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentejn jibdew għaddejjin millum u terġa' tagħmel mill-ġdid Ordni ta' Superviżjoni għal żmien sentejn skont Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal Sorveljanti bil-kondizzjonijiet kollha li jidhru fl-Ordni ta' Superviżjoni liema kondizzjonijiet diġa' kienu inklużi fl-Ordni ta' Superviżjoni tat-18 ta' Awwissu 2017 (*a fol.* 26 *et seq.*).

Il-Qorti qed twissi lill-appellanti dwar il-konsegwenzi li jkun hemm: (a) jekk twettaq xi reat fi żmien sentejn millum u (b) jekk tikser xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' Superviżjoni.

Il-Qorti tissolleċita lill-appellanti biex timxi mad-direzzjonijiet kollha li jingħatawlha għaliex dawn id-direttivi **BISS** jistgħu jikkonsolidaw il-progress u jbegħduha mill-vizzji ħżiena.

Finalment, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mibgħuta lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**